KUNSILL LOKALI **SLIEMA** LOCAL COUNCIL

Ref: Seduta 11#12/12/06/V

# MINUTI TA' L-ĦDAX IL-SEDUTA

**Il-Ħdax il-seduta** tal-Ħames Kunsill Lokali ta' Sliema nżammet nhar **it-Tlieta 12 ta' Diċembru, 2006** fl-Uffiċċji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | **Marina Arrigo** |
| **Viċi-Sindku:** | **Albert Bonello Dupuis** |
| **Kunsilliera:** | **Marianne Aquilina**<br>**Michael Briguglio**<br>**Martin Debono A&CE**<br>**Nikki Dimech**<br>**Julian Galea**<br>**Luke Vella** |
| **Assenti :** | **Margaret Ann Azzopardi** |

**Deputat Segretarju : Stefania Friggieri (Segretarju Eżekuttiv, Lino Bartolo bis-*sick leave*)**

Is-seduta bdiet fil-4.45pm (minħabba li kien hemm laqgħa mar-residenti ta' Triq it-Torri, fl-4pm (punt 4.16 ta' l-aħħar seduta).

**Nota:**

Ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar seduta numru disa' li kienet saret b'mod urġenti nhar it-22 ta' Novembru, 2006 b'din l-agenda:

**1. Deċiżjoni dwar it-tender għall-ġbir ta' l-iskart.**

Il-kunsilliera ġibdu l-attenzjoni li l-iskart għadu mhux qiegħed jinġabar fil-ħin u sas-2pm għadu jkun hemm l-iskart. Is-Sindku nfurmat li, l-kuntrattur qiegħed jiġi kkuntattjat ta' kuljum sakemm l-ilmenti jiġu solvuti. Infurmat ukoll li l-kuntrattur kien qiegħed jagħmel ġabra oħra għal min baqa' joħorġu fis-2pm. Pero din għanda tieqaf għax inkella l-ħin mhux se jindara qatt. Sadanitant ir-residenti se jerġgħu jiġu infurmati permezz tal-*magazine* li se joħroġ dalwaqt.

**Il-Kunsill kompla bis-seduta numru għaxra b'din l-agenda:**

1. **Qari u Approvazzjoni ta' Minuti**
2. **Materji konessi mal-Minuti**
3. **Komunikazzjonijiet (korrispondenza u ħlas ta' pagamenti)**
4. **Komunikazzjonijiet/mistoqsijiet lis-Sindku/ Segretarju Eżekuttiv**
5. **Ħatra ta' bord għall-post ta' Segretarju Eżekuttiv**
6. **Xiri ta' Van għall-Kunsill**
7. **Affarijiet Oħra**

Sliema Local Council Depiro Street Sliema SLM 04 - Malta Tel: (+356) 2133 7633 Fax: (+356) 2134 5333 Email: sliema.lc@gov.mt

www.sliema-malta.com

**1.Qari u approvazzjoni tal-minuti ta' l-aħħar seduta**

Il-Minuti ta' l-aħħar seduta ġew meħuda bħala moqrija u approvati.

**2. Materji konessi mal-Minuti**

2.1 Rigward il-punt ta' l-aħħar seduta dwar il-*Mozzarella Restaurant* (2.1 ta' l-aħħar seduta) is-Sindku infurmat li rċevejna ittra mill-ispettur ta' l-Għassa fejn informa lill-Kunsill li hemm każ il-qorti dwar dan.

2.2 Dwar il-punt tal-*green wardens*, (2.3 ta' l-aħħar seduta) il-kunsillier N. Dimech informa li wara li staqsa lill-kumitat konġunt, ġie infurmat li għalissa ma jistgħux jingħataw *green wardens* u rridu nistennew sakemm il-Mepa idaħlu *inspectors* apposta għal dawn l-affarijiet. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jikteb lill-Mepa sabiex jara meta se jkollna dawn l-*inspectors*.

2.3 Il-kunsillier M. Briguglio fakkar dwar il-*bye laws* li l-Kunsill għandu jagħmel dwar il-*catering establishments* (punt 2.4 ta' l-aħħar seduta). Id-deputat segretarja infurmat li kitbet lill-avukat fejn talbet għal din id-*draft* biex tiġi mwassla qabel din il-laqgħa. Pero sa' llum stess id-deputat segretarja staqsiet għal dan, fejn l-avukat talab li jingħata iżjed żmien.

2.4 Fuq il-punt (2.7 ta' l-aħħar seduta) is-Sindku nfurmat li kienet saret laqgħa fit-28 ta' Novembru rigward il-problema ta' l-ilma fi Triq ir-Rudolfu. Inqrat l-ittra li l-Kunsill bgħat lil Periti Spiteri minħabba l-fatt li m'attendewx għal din il-laqgħa. Inqrat ukoll ir-risposta tagħhom fejn il-Kunsill ġie mhedded li jekk ma jħallasx il-kontijiet pendenti jittieħdu proċeduri oħra. Il-Kunsill baqa' ma l-istess deċiżjoni li la darba ix-xogħol ma sarx kif kellu jsir il-kont ma jitħallasx. Is-Sindku infurmat li kopja ta' din l-ittra ntbagħtet lill-avukat u se nżommu lill-Kunsill aġġornat bir-risposta. Is-Sindku infurmat ukoll li l-Kunsill kellu laqgħa ma' Polidano fejn ipprova jasal f'kompromess dwar il-ħlasijiet meħtieġa. Il-Viċi Sindku rrsista li l-Kunsill m'għandux iħallas għad-danni li sar minn Polidano u kif ġie ċċertifikat mill-periti Spiteri. Il-ftehim għadu ma ntlaħaqx.

2.5 Dwar it-*tender* tat-trasport ċirkolari, (2.8 ta' l-aħħar seduta) il-bord ma sabx data fejn se seta jiltaqa` qabel il-laqgħa tal-Kunsill kif kien miftiehem, u għandu jiltaqa` nhar l-Erbgħa 3 ta' Jannar, 2007 fl-4pm.

2.9 Fuq il-laqgħa li kellha ssir ma' l-ADT dwar ir-*reserved parking* fuq talba tal-Kunsill stess (punt 2.9 ta' l-aħħar seduta), is-Sindku infurmat li magħha attenda l-kunsillier N. Dimech. F'din il-laqgħa qablu li għandhom jerġgħu jirrivedu r-*reserved parkings* minħabba ċertu abbużi ta' kif qegħdin jingħataw, filfatt diġa tneħħew xi wħud.

Fuq dan il-punt tqajjmu tlett każijiet:

1. Is-Sinjura Maria. D. Mifsud
2. Is-Sinjura Carmelina Vassallo
3. Is-Sur Valhmor Borg

Inqraw il-każijiet ta' dawn it-tlett applikanti, (dettalji mhux se jitniżżlu minħabba *data protection*).

Għall-ewwel żewġ każijiet il-kunsilliera preżenti unanimament qablu li r-*reserved* m'għandix tingħata. Fuq il-każ tas-Sur V. Borg il-kunsilliera kollha preżenti minbarra l-kunsillier Martin Debono A&CE qablu li r-*reserved* m'għandix tingħata.

2.10 Dwar l-għajnuna li se tingħata mill-Gvern għat-tiswija tat-toroq (punt 2.12 ta' l-aħħar seduta), is-Sindku infurmat li se tinħadem hekk. Il-Kunsill se joħrog 30% tal-ħaddiema u l-materjal, filwaqt li l-Gvern joħroġ il-kumplament. Il-kunsilliera Marianne Aquilina staqsiet kif se tkun l-għażla tat-toroq fejn il-kunsillier N. Dimech issuġġerixxa li jinħoloq sotto kumitat sabiex jara l-istat ta' toroq u jimxi skond il-prijorita`. Dan il-kumitat se jkun magħmul mis-Sindku M. Arrigo u l-kunsilliera N. Dimech, M. Debono A&CE u J. Galea. Dan ma jeskludix il-fatt li kunsillier ieħor jista jiġbed l-attenzjoni ta' toroq li jaħsbu li hemm bżonn li jiġu rranġati.

2.11 Dwar il-*magazine* 'Tas-Sliema' kien ġie deċiż li l-Editur jibqa' s-Segretarju Eżekuttiv Lino Bartolo (punt 4.1 ta' l-aħħar seduta). Id-deputat segretarja ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill, li f'wieħed mill-artikli tas-Sur Bartolo kien hemm nota personali. Din kienet inqrat lill-kunsilliera fuq it-telefon qabel din is-seduta, u kien hemm minn talab parir ta' l-avukat. Il-Kunsill ġie infurmat li l-avukat kiteb li la darba s-Sur Bartolo huwa l-editur fil-kapacita` ta' Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill, ma' jistax jikteb kummenti personali. Din filfatt tneħħiet mill-artiklu.

2.12 Rigward il-linji sofor fi Triq Depiro (punt 4.17 ta' l-aħħar seduta), is-Sindku M. Arrigo wriet korrispondenza u ritratti li kienet irċeviet minn resident. Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-ADT qalu li għanda tkun 6m. Il-kunsillier M. Briguglio qal li fuq dawn il-linji għanda nimxu ma kulħadd l-istess. Issemmew żewġ każijiet fit-toroq ta' Graham u Reġina Vittoria, u l-Kunsill għandu jiċċekja dwar dan. Il-Kunsill qabel li għal min jitlob linji faċċata ta' garaxx, fejn it-triq tkun wisa` 5.5m u l-bieb tal-garaxx ikun 2.8m, il-Kunsill ma jagħmilx linji sofor u fejn ikun il-każ tibqa kaxxa bajda. Il-Kunsill għandu jikteb l-ADT dwar dan.

2.13 Dwar punt 6.1 ta' l-aħħar seduta l-kunsillier J. Galea xtaq jippreżenta lill-Kunsill b'aktar informazzjoni dwar is-sistema li għandha tinħoloq fuq il-*website* sabiex ir-residenti jkollhom iżjed kuntatt. Il-kunsillier J. Galea informa li din tiswa madwar Lm240 kif ukoll din għandha tiġi amministrata mis-Segretarju Eżekuttiv jew persuna awtorizzata mill-uffiċċju tal-Kunsill. Il-kunsillier spjega li min irid jabbona biex tassalu l-informazzjoni dwar il-Kunsill, irid jidħol fil-*website* darba biss. Id-deputat segretarja informat lill-kunsill, li awtomatikament kull darba li wieħed jidħol fil-*website* se jsib l-informazzjoni tal-Kunsill permezz tas-sezzjoni *news items* li tiġi mtella b'mod regolari kull darba li jkun hemm attivita' jew ħaġa oħra l tolqot lir-residenti. Il-kunsilliera preżenti minbarra l-kunsillier L. Vella, ma qablux mal-proposta tal-kunsillier J. Galea. Il-Kunsill qabel pero li għanda nibgħatu *flyer* mal-ġurnal 'Tas-Sliema' li jmiss biex naraw ir-rispons tar-residenti.

2.14 Is-Sindku infurmat li l-*warning signs* għal fuq il-kosta li ssemmew fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill (punt numru 6.5) twaħħlu.

**3. Komunikazzjonijiet (korrispondenza u ħlas ta' pagamenti)**

3.1 Ittra mis-Sinjura Astrid Cassar fejn talbet lill-Kunsill, tistax tpoġġi pots quddiem ir-residenza tagħha ġewwa x-Xatt ta' Tigne` minħabba li *cafeterias* qegħdin joħorġu l-imwejjed u siġġijiet iktar milli suppost li mhux qiegħed ikollha aċċess biex tidħol ġewwa d-dar. Il-Kunsill qabel ma dan, b'kundizzjoni li jitħalla aċċess għal *wheelchair* u *pushchair.*

Fuq dan il-punt issemmiet il-problema li qegħdin joħolqu dawn il-*cafeterias* fix-Xatt u x-Xatt ta' Tigné, minħabba li ħadd minnhom mhux iżomm mal-linji sa fejn għandhom jarmaw l-imwejjed u s-siġġijiet. Is-Sindku ssuġġeriet li l-Kunsill għandu jagħmel tip ta' passaġġ biex jinżamm il-post neċessarju u b'mod regolari. Il-Kunsill ra li din tista' tiġi tiswih mhux ħażin. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jikteb lill-*cafeterias* fejn jistaqsi jekk hux kulħadd lest li jħallas il-biċċa tiegħu. Il-Kunsill għandu jlaqqa' lis-sidien ta' l-area tax-Xatt għalihom u ta' l-area tax-Xatt ta' Tigne` għalihom. Il-Kunsill iddeċieda wkoll li għandu jikteb lill-MTA sabiex jara din il-ħaġa tistax issir bħala *joint venture.*

3.2 Ittra mill-Federazzjoni Klabbs tal-Bocci (Malta) fejn issuġġerew tlett postijiet bħal, Tigné, Fond Għadir u l-Ġnien Indipendenza. Fuq suġġeriment tal-Kunsillier M. Debono il-Kunsill qabel li għandu jitlob għal pjanti ta' dawn il-postijiet proposti.

3.3 Ittra mill-MTA fejn infurmat lill-Kunsill li lesta li tagħti support ta' ħamsin fil-mija tal-ammont li jiġu jiswew proġetti dwar il-qasam tat-turiżmu.

3.4 Ittra mill-ADT rigward talba li rċevew biex issir *road hump* fi Triq il-Kulleġġ l-Antik quddiem numru 15. Il-kunsill ġie infurmat li l-ADT ma ssibx oġġezzjoni iżda bl-lista ta' kundizzjonijiet. Il-kunsillier M. Debono issuġġerixxa li għandhom isiru *narrow slips* minnflok. Il-Kunsill għandu jara kemm jiswew dawn.

3.5 Ittra mill-ADT dwar *zebra crossing* ix-Xatt quddiem *Charella Home*. Fejn l-ADT ma rrakomandatx li ssir minħabba dawn it-tlett kundizzjonijiet kwotati hawn taħt:

- *The nearest Pedestrian Crossing on the Gzira side is 122m away from the requested location. Such distance is too close to have another crossing.*

- *The Pedestrain Crossing on the Sliema sie is 168m away from the requested location which is also too close. The minimum distance between successive crossings is taken as 200m.*

- *If a pedestrian crossing is place in front of Charella Home such would be a hazard to pedestrians due to limited visibility from the Gzira side.*

Ittieħed vot kif ġej:

Is-Sindku M. Arrigo, il-Viċi Sindku A. Bonello Dupuis, Il-kunsilliera M. Briguglio, N. Dimech, J. Galea u L.Vella qablu mal-kundizzjonijiet ta' l-ADT.

Il-kunsilliera M. Debono A&CE u l-kunsilliera M. Aquilina qablu li *z-zebra crossing* għanda ssir xorta.

Iż-*zebra crossing* ta' quddiem ic-Charella Home m'għandix issir.

3.6 Risposta ta' ittra li kien bagħat il-Kunsill lill-*Malta Playing Fields Association* dwar il-*barrier* li għandu jsir matul il-ġnien ta' Qui-si-Sana fuq in-naħa tal-baħar. MPFA ikkwotat l-Att XV ta' l-1993 fejn il-Kunsill irid jieħu ħsieb il-manutenzjoni. Il-Kunsill għandu jkompli jara għal kwotazzjonijiet sabiex isir dan.

3.7 Talba mill-Istrina 2006 għal donazzjoni. Il-Kunsill iddeċieda li jagħti Lm50.

3.8 Ittra mill-CareMalta rigward *Nazzareno Vassallo Award for initiatives in Elder Care*. Peress li d-data ta' l-egħluq għal nominazzjonijiet kienet it-12 ta' Diċembru, 2006, il-kunsilliera ġew mistoqsija bit-telefon lil min xtaqu jinnominaw. Il-Kunsill ġie infurmat li l-maġġoranza nnominat lis-Sur Edward Cuschieri.

3.9 Talba għall-permess mill-*Eden Foundation* biex issir mixja ta' solidarjeta nhar it-23 ta' Diċembru, 2006 ġewwa x-Xatt. Il-Kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni għal dan.

3.10 Ittra mill-WSC fejn infurmat lill-Kunsill li se jagħmlu xi xogħol ta' tibdil ta' pajbijiet f'ċertu toroq ta' Tas-Sliema, fejn staqsa lill-Kunsill irridx li jkompli bir-*resurfacing* sabiex triq tinqala darba. Il-Kunsill ma setax jikkommetti ruħu għal deċiżjoni minħabba kwistjoni ta' finanzi.

3.11 Ittra mis-Sur Michael Vella rigward oġġezzjoni għal PA 01218/06 u PA 6269/06 rigward kostruzzjoni fi Triq Milner ma Howard. Il-kunsillier M. Briguglio informa li l-MEPA baqgħat miexja bil-proġett mingħajr konsultazzjoni ta' xejn u meta ma kienx hemm talba sabiex jittella bini għoli. Fuq dan il-punt il-kunsillier M. Debono A&CE ressaq mozzjoni li tgħid hekk: Il-Kunsill għandu jsejjaħ b'mod urġenti laqgħa ta' konsultazzjoni mal-MEPA bil-parteċipazzjoni tar-residenti fuq il-fatt li l-MEPA ħarġet *local plan* mingħajr konsultazzjoni pubblika. Il-kunsillier M. Debono ġie ssekondat mill-kunsillier M. Briguglio u l-kunsilliera preżenti kollha qablu ma dan.

3.12 Ittra mis-Sur David Dandria rigward PA 7114/06, fejn qiegħed joġġezzjona għal demoluzzjoni u kostruzzjoni għal tlettax appartamenti ġewwa Triq il-Kbira. Il-Kunsill qabel li għandu jibgħat din l-oġġezzjoni lill-MEPA.

3.13 Ittra mis-Sur Christian Spiteri fejn talab għal 'no parking area' quddiem 90/91, Windsor Terrace. Il-Kunsill iddeċieda li ma jistax jagħmel dan.

***Ħlas ta' pagamenti***

Il-pagamenti minn ċekk numru 8186 sa 8269 ġew approvati.

**4. Komunikazzjonijiet/mistoqsijiet lis-Sindku/ Segretarju Eżekuttiv**

4.1 Ġew ippreżentati il-*Quarterly Report* u *Financial Indicator Report* tax-xhur Lulju sa Settembru, 2006. Il-kunsillier N. Dimech u l-Accountant tal-Kunsill taw spjegazzjoni lill-membri tal-Kunsill dwar ir-rapporti. Il-Kunsill kollu approva dawn ir-rapporti.

4.2 Is-Sindku ġibdet l-attenzjoni li nqalgħu xi *tiles* mill-*playing field* ta' taħt it-Torri. Ġew ippreżentati żewġ kwotazzjonijiet: (Ma kienx hemm bżonn it-tielet waħda minħabba li ammont neċessarju ma jaqbiżx il-Lm500)

| | |
|---|---|
| John G Cassar Ltd | Lm13.95/sqm |
| M Quip Ltd | Lm 21.50/sqm |

Il-Kunsill qabel li t-*tiles* jiġu ordnati minn John G. Cassar Ltd.

4.3 Is-Sindku infurmat li l-Kunsill kellu laqgħa l-ADT dwar *Residents Parking Scheme*. Id-deputat segretarja ppreżentat punti li ssemmew f'din il-laqgħa u ġibdet l-attenzjoni wkoll, li l-ADT infurmatna li l-proċess irid jimxi allura huwa meħtieġ li jibdew jittieħdu deċiżjonijiet xierqa. L-ADT għandha tirċievi l-kummenti tal-kunsill u tal-GRTU b'mod individwali. Ġie deċiż li kull kunsillier għandu jibgħat bil-miktub lill-Kunsill dwar il-punti li jixtiequ li jiġu implimentati. Fejn wara jiġu diskussi fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

4.4 Id-deputat segretarja ġibdet l-attenzjoni li għall-kwotazzjonijiet li kienu ntefgħu għaż-żamma tal-*website,* kienet għada ma ttiħdietx deċiżjoni. Id-depuat segretarja fakkret li l-applikanti kienu dawn: Timothy Cachia, Cyberspace u Across Limits. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jżomm lic-Cyberspace kemm minħabba s-servizz tajjeb li qiegħed jingħata kif ukoll min-naħa ta' prezzijiet.

4.5 Is-Sindku infurmat dwar ir-rapport li sar dwar il-*war shelter* li hemm fi Triq Sir Adrian Dingli, u li kieku kellna nduruh kollu l-ispiża ta' dan tiġi madwar Lm1235.45. Il-kunsillier J. Galea ssuġġerixxa li għandha ngħattu biss l-biċċa perikoluża u jekk jiġu fondi mill-EU inkunu nistgħu nikkonsidrawa. Il-Kunsill qabel ma dan, u għandu jgħatti l-wiċċ b'*cover* tal-ħadid biex jiġi evitat il-periklu.

4.6 Fuq talba tal-*Lions Club*, Il-Kunsill qabel li għandu jirristawra n-niċċa ta' San Duminku fi Triq San Vinċenż ma' Triq San Lawrenz li tiswa madwar Lm150.

4.7 Is-Sindku ressqet il-punt dwar il-garanziji bankarji li għal kull żvilupp kien qiegħed ikollna rapport tal-perit fejn qiegħed jiswa lill-Kunsill ħafna flus. Il-Kunsill iddeċieda li għar-residenti nistgħu nagħmlu *standard letter* fejn tgħid li fejn wieħed ikisser irid iħallas u din tiġi miktuba mill-avukat tal-Kunsill. Filwaqt li għal kuntratturi li se jwaqqgħu jew jibnu tkun ittra oħra għalija fejn tiġi deskritta b'ammonti differenti skond l-*area/sqm*. Il-Kunsill qabel li l-kunsillier Martin Debono A&CE bħala perit għandu jikteb din l-ittra u jressaqa għal Kunsill li jmiss. Sadanitant il-Kunsillier Debono talab kopji tar-rapporti li diġa saru, sabiex jara d-dettalji kif tista' tinkitteb din l-ittra.

4.8 Il-kunsillier J. Galea staqsa lill-Kunsill dwar il-proġett ta' Għar id-Dud. Il-Kunsill għandu jikteb lid-Dipartiminet ta' l-Artijiet biex jibgħatulna l-pjanti tal-proġett. Il-kunsillier L. Vella staqsa dwar il-proġett ta' Triq it-Torri ma' Triq Bisazza u l-Kunsill għandu jikteb lill-Onor. Ministru Jesmond Mugliett biex jinfurmana iżjed dwar dan. Il-kunsillier M. Briguglio rrimarka li hemm tlett applikazzjonijiet ta': Road Devil's Kiosk, u ż-żewġ *kiosks* ta' Tanti, biex jagħmlu kċina taħt l-art. Il-kunsillier M. Briguglio qal li għandna niktbu lill-MEPA fejn nirreferu għar-rapporti tagħhom stess u ninfurmaw lill-MEPA li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni fuq kundizzjoni li ma jaffettwawx jew jagħmlu ħsara lill-għerien.

4.9 Il-kunsillier M. Briguglio rrimarka li l-globu taż-*zebra crossing* ta' Rue D'Argens għandu bżonn jitnaddaf.

## 5. Ħatra ta' bord għall-post ta' Segretarju Eżekuttiv

Id-deputat segretarju Eżekuttiv spjegat fejn wasal il-proċess sabiex jimtela l-post ta' Segretarju Eżekuttiv. Infurmat li mill-ETC applikaw is-Sur Karl Vella mir-Rabat Għawdex u s-Sur John Debono minn Tas-Sliema. Il-Kunsill iddeċieda li jagħmel *interview* lil dawn iż-żewġ applikanti nhar l-Erbgħa 3 ta' Jannar, 2007 fit-3.30pm. Il-bord se jkun magħmul mill-Kunsill kollu.

## 6. Xiri ta' Van għall-Kunsill

Il-Kunsill ġie infurmat li hemm bżonn li nixtru van ieħor għaliex li għandna preżentament, qiegħed ikollu bżonn tiswijiet ta' spiss. Il-Kunsill iddeċieda li joħrog *call for application* fejn nitolbu *part exchange* tal-van li għandna.

## 7. Affarijiet Oħra

Ma kienx hemm affarijiet oħra.

Is-seduta ngħalqet fis-7.30pm. Laqgħa oħra ġiet imsejħa għas-17 ta' Jannar 2007 fl-4.30pm

**Stefania Friggieri**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

**Marina Arrigo**
**Sindku**